MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Numru. 1338/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Mariella Attard, bint Anthony u Vincenza nee' Sciberras, imwielda Pieta' fl-20/07/1971, u toqghod 61, Clare, Flt1, Triq Il-Lunzjata, San Gwann u detentrici tal-karta ta'l-identita' numru 320271(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Mariella Attard li permezz taghha hija giet akkuzata talli fit-22 ta' Gunju 2010 ghal habta ta' 12:00hrs, fi Vjal ir-Rihan, San Gwann waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCG736:

1. saqet l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.

2. saqet l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza.
3. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkagunat griehi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Michael Micallef skond kif iccertifika Dr. Patrick Farrugia M.D. mill-Isptar Mater Dei.

Rat id-dokumenti.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-12 ta' Jannar 2011 sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.
;
Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi s-sinistru stradali mertu ta' dina l-kawza sehh meta l-parti leza Michael Micallef gie investit mill-vettura misjuqa mill-imputata u dana filwaqt illi huwa kien qed jaqsam Vjal ir-Rihan gewwa San Gwann. L-incident sehh ezattament faccata tal-knisja parrokkjali ta' San Gwann. Ma hemmx dubbju illi din it-triq hija wahda piuttost traffikuza fejn il-karozzi ma jonqsux mill-presenza taghhom fiha ghall-hin kollu tal-gurnata. Tant hu hekk illi ftit 'il fuq minn fejn sehh dana is-sinsitru stradali hemm sett ta' traffic lights imqieghda appozitament sabiex ighinu lill-*pedestrian* jaqsam dina it-triq traffikuza. Illi l-incident sehh ghal habta ta' nofs in-nhar f'jum fost il-gimgha u ghalhekk f'jum u hin fejn dina it-triq tkun solitament mizghuda bil-vetturi. Mifsud ighid illi huwa kien qieghed jaqsam it-triq minn fejn il-knisja ghan-naha l-opposta tat-triq. Ighid illi huwa intenta jaghmel dan ghax osserva illi f'dak il-hin ma kenux ghaddejjin vetturi u ghalhekk esplora it-triq sew qabel ma qasam. Fil-jum ta'l-incident Mifsud kellu 67 sena. Ighid illi hekk kif wasal vicin ic-*central strip* u kien kwazi ser jirfes fuq l-istess giet il-vettura misjuqa mill-imputat li investietu.

Mad-daqqa huwa waqa’ fl-art ezattament quddiem il-vettura, fejn spicca anke sofra griehi f’rasu, wiccu u snienu.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-imputata kienet hierga minn Triq il-Kappella u cioe’ it-triq sekondarja li twassal sa hdejn is-supermarket tal-Lidl. Hija kienet bi hsiebha tohrog minn dina t-triq, taqsam Vjal ir-Rihan faccata tal-Knisja u tikser imbaghad ‘il fuq direzzjoni lejn in-Naxxar. Illi l-post fejn sehh dana l-incident jidher car mid-diversi ritratti esebieti kemm mid-difiza kif ukoll mill-parti leza, b’mod partikolari ir-ritratti esebieti mid-difiza gew mehuda dak in-nhar stess ta’l-incident fejn ghalhekk jidher car il-marka tad-demm li halla l-parti leza fuq it-tarmac meta gie investiet. L-imputata fix-xhieda taghha tghid illi kif kienet ser tisporgi minn Triq il-Kappella, hija waqqfet u esplorat it-triq sabiex tivverifika jekk kienx gej traffiku kemm minn naha tal-iskola tal-Gvern, kif ukoll minn naha l-ohra tat-triq u cioe’ traffiku tiela’ minn naha tac-centru ta’ San Gwann. Tghid illi hekk kif rat li ma kienx gej traffiku hija harrget bil-mod, izda hekk kif kissret mac-*central strip* sabiex iddur ‘il fuq lejn id-direzzjoni tan-Naxxar, tghid illi sabet lil Mifsud bil-wieqfa quddiem il-vattura taghha fejn f’dak il-hin dan waqa’ fl-art. Tghid illi bil-qatgha hija waqqfet u tfiet il-vettura. Meta harrget mill-vettura tghid illi kienet fi stat ta’ xokk kbir u osservat lill-parti leza midrub mal-art. Tghid illi bhala hsarat il-vettura taghha garrbet biss ghafsa zghira fil-bonnet in-naha hdejn il-bozza ta’ quddiem in-naha tal-lemin.  Illi ma tressqu l-ebda xhieda okulari indipendenti, ghalkemm ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni dwar id-dinamika ta’ dana l-incident

Illi minn ezami tal-provi jirrizultaw dawn il-fatturi inkonfutabbli:

1. Illi ll-parti leza Michael Mifsud kien qieghed jintenta jaqsam triq piuttost traffikuza minn hdejn il-knsija parrokkjali ta’ San Gwann ghan-naha l-ohra tat-triq.
2. Il-parti leza huwa ragel anzjan ta’ 67 sena li ma qasamx it-triq bil-giri jew minn wara xi vettura.

3. Ftit ‘il fuq minn fejn sehh l-iskontru bejn il-vettura u l-*pedestrian* hemm it-*traffic lights* li iservu ta’ ghajnuna ghan-nies li qed jaqsmu it-triq.
4. Mifsud qasam mill-parti l-iktar wiesgha ta’ dina it-triq, ezattament minn hdejn il-knisja ghall-punt fejn tibda ic-*central strip*.
5. L-imputata kienet hierga minn Triq il-Kappella u kienet ser taqsam ghan-naha l-ohra ta’ Vjal ir-Rihan biex tmur lejn id-direzzjoni tan-Naxxar.
6. L-imputata kellha vizwali tajba tat-triq kollha, kemm tat-traffiku niezel fuq il-lemin taghha, tat-traffiku tielgha minn San Gwann kif ukoll ta’ dak kollu li kien qed jigri faccata taghha.
7. L-imputata kienet qed issuq bi speed baxx hafna tant illi l-impatt mal-parti leza kien wiehed minimu.
8. Il-vettura ta’l-imputata irrapurtat hsara fuq il-*bonnet* vicin il-bozza ta’ quddiem tal-lemin li x’aktarx kien il-post ezatt fejn l-parti leza zamm mal-vettura b’idejh meta intlaqat u imbaghad waqa’ fl-art ezattament f’dana il-punt tant illi r-roqgha tad-demm tinsab ezattament vicin ir-rota ta’ quddiem tan-naha tal-lemin tal-vettura.

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (sede inferjuri per. Imhallef J.Galea Debono) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza fit-22 ta’ Novembru 2007 il-Qorti tkellmet kemm dwar ir-responsabbilta’ tas-sewwieq kif ukoll dwar l-obbligi tal-*pedestrian* meta huwa jigi biex jaqsam it-triq u stqarret:

**“"*Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*"**
(App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

***"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoni ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."*** (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana"** [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

***"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza."*** (App.Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li **"*ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva***

***evaziva."*** (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Formosa"** Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. ***"meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"*** (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)."

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet:

"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-*pedestrian* meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet

**a)** ***"che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;***

***b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;***

***c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.""***

Il-Qorti kompliet tghid:

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "***Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".*** (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] )

u li "***min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qedizomm "a proper lookout"*** (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "***Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*** ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

Illi mbaghad, anki kieku l-*pedestrian* forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam," (f'dana il-kaz il-vittma kienet mara) "dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex …. f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-***pedestrian*** f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]**"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-***"contributory negligence*"** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim." **Il-Pulizija vs P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).

Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-***pedestrian*****,** dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar."

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Spiteri: "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a ***proper lookout*** ghall-vejikoli, ***pedestrians*****,** u ***road-users*** ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' **disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u**

**<u>inaspettati</u>.** (sottolinjar ta-Qorti). Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta’ normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta’ nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali.”

Illi dwar ir-responsabbilta’ tal-*pedestrian*, l-Highway Code ighallimna illi meta nigu biex naqsmu triq ghandhom jigu imhares is-segwenti regolamenti:

**23.** ***Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur li tista' tara t-traffiku li jkun ġej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek*.**

**24.** ***Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah*.**

**25.** ***Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità kbira*.**
**26.** ***Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. <u>Ibqa’ hares u issemma’ ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda</u>*. (sottolinjar tal-Qorti)**

Ikkunsidrat,

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet ghalhekk jirrizulta indubbjament illi ghal dana is-sinistru stradali jahtu kemm l-imputata kif ukoll il-parti leza u dana ghas-segwenti ragunijiet. Illi Michael Mifsud li kien qed juza t-triq bhala *pedestrian* kellu l-obbligu illi joqghod ferm attent qabel ma

jaqsam triq traffikuza bhalma hi Vjal ir-Rihan. Terga' u tghid illi l-konfigurazzjoni tat-triq fil-punt minn fejn iddecieda jaqsam hija tali illi vetturi jistghu jigu minn kull direzzjoni u cioe' it-traffiku ikun gej mhux biss fid-dritt tielgha mid-direzzjoni tac-centru ta' San Gwann, izda ukoll gej mill-faccata tieghu fid-direzzjoni lejn ic-***central strip,*** kif fil-fatt ghamlet l-imputata. Huwa minhabba f'dina ir-raguni illi t-***traffic lights*** tpoggew ftit metri iktar 'il fuq mill-ponta tac-***central strip*** u dana sabiex qabel vettura ikollha tieqaf biex tippermetti lill-***pedestrian*** jaqsam it-triq hija tkun qabbzet sew l-inkrocju li hemm hdejn il-knisja parrokjali u ikollha bizzejjed hin sabiex tinduna illi trid tieqaf. L-parti leza izda, ghalkemm huwa ragel anzjan u certament mhuwiex daqshekk agli sabiex jaqsam it-triq bil-giri, iddecieda jaqsam it-triq mill-iktar punt perikoluz taghha minflok mexa b'mod ghaqli ftit metri iktar 'il fuq u qasam mill-post maghmul appozitament minn fejn il-*pedestrian* jista' jaqsam minghajr periklu ghalih u ghall-utenti l-ohra tat-triq.

Illi dawn il-fatturi kollha, madanakollu, fil-fehma tal-Qorti ma jistghux jezimu kompletament lill-imputata minn kull htija ghal dana is-sinsitru stradali. Ibda biex l-imputata kienet ser tohrog minn triq sekondarja u taqsam triq arterjali piuttost traffikuza. Dana l-imputata kienet tafu ben tajjeb tant illi hija stess tghid illi esplorat it-triq sew qabel ma intentat tohrog. Kienet x'aktarx dina l-attenzjoni zejda illi hija kienet qed taghti ghat-traffiku u cioe' ghal vetturi ohra li kienu qed juzaw it-triq f'dak il-mument li aljenaha milli toqghod ghassa ghal utenti ohra tat-triq minbarra l-vetturi. Tant hu hekk illi ghalkemm kellha vizwali tajjeb ta' dak kollu li kien qed jigri quddiemha u cioe' fil-faccata taghha, hekk kif qassmet l-ewwel karreggjata fi Vjal ir-Rihan u kienet ser tikser 'il fuq sabiex taqbad il-karreggjata l-ohra lanqas biss indunat illi kien hemm Michael Mifsud qed jaqsam it-triq. Dan qed jinghad ghaliex il-parti leza kien kwazi qasam il-karreggjata kollha meta hija investietu bil-vettura taghha. Mhux biss hekk, izda l-imputata tghid illi lanqas biss indunat li laqtitu u indunat bih biss ghax ratu bil-wieqfa quddiemha. Dana kollu iffisser haga wahda u cioe' illi l-imputata tant kienet aljenata tara x'traffiku kien ghaddej fit-triq sabiex hija tkun

tista’ taghmel il-manuvra taghha u taqsam it-triq, illi lanqas biss indunat bil-presenza tal-parti leza fit-triq ukoll. Illi ma jistax jinghad illi l-parti leza gie quddiem il-vettura ta’l-imputata b’mod inaspettat u mghaggel ghax ma jidhirx illi huwa xi bniedem zaghzugh u agli li seta’ jaqsam jigri it-triq f’salt u ghalhekk l-imputata messha indunat bil-presenza tieghu qieghed jaqsam it-triq. Mahdud dana kollu, jirrizulta ippruvat, illi l-imputata ma kenitx qed isuq b’xi velocita eccessiva tant illi l-impatt mal-parti leza kien wiehed minimu. Fil-fatt illi id-daqqa li hemm fuq il-*bonnet* x’aktarx saret mill-parti leza stess hekk kif zamm mal-vettura kif raha qed tersaq lejh, izda b’xorti hazina dina laqtitu u mad-daqqa hu waqa’ l-art u sofra griehi f’rasu u f’wiccu minhabba f’hekk.

Illi maghdud dana kollu ghalhekk, l-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm is-sewqan ta’l-imputata certament ma jistax jitqies bhala xi sewqan perikoluz, madanakollu l-Qorti tqies illi l-imputata kienet negligenti fis-sewqan taghha u saqet b’nuqqas ta’ kont meta ma zammitx dik il-***proper lookout*** rikjesta mil-ligi.

Illi dwar in-natura tal-griehi sofferti mill-part leza, ghandu jinghad illi l-parti leza sofra diversi griehi f’dana l-incident. Dana jista’ jigi ikkonstatata *ictu oculi* mir-ritratti esebieti a fols. 40 u 41 tal-process, liema ritratti ittiehdu dak in-nhar stess ta’l-incident. Illi Michael Mifsud sofra lacerazzjoni fuq ghajnejh tal-lemin fejn anke kellu bzonn xi punti, kellu ksur fl-ghadam ta’ imniehru, ksur fi snienu u anke griehi f’subajgh ta’ saqajh. Mill-ezamijiet medici, ma jidhirx illi l-parti leza sofra griehi f’rasu. Illi fir-rigward tal-lacerazzjoni fuq ghajnejh, mix-xhieda ta’ Dr. Patrick Farrugia jidher illi dina ser thalli marka permanenti fuq wicc l-parti leza u kwindi giet ikklassifikata bhala ferita ta’ natura gravi[1]. Illi ir-rigward tal-griehi sofferti fis-snien, mix-xhieda tal-Professur Hector Galea[2], jidher illi l-parti leza kien isofri minn *gum disease* qabel sehh dana l-incident li madanakollu iggravat b’konsegwenza ta’l-istess. Jidher madanakollu illi huwa ma tilef l-ebda sinna fl-incident

[1] Ara certifikat mediku a fol.2 u xhieda a fol.45
[2] Ara xhieda Profs. Hector Galea a fol.54

ghalkemm b'konsegwenza ta'l-incident kien hemm xi snien li bdew jiccaqaqlu. Jidher li bhala kura huwa inghata xi *nerve treatment* biss. Illi mix-xhieda ta' Dr. Melvin Gouder ma jidhirx illi l-parti leza sofra xi griehi f'ghajnejh jew fil-vista. Illi Mr. Anthony Grixti Soler, minn naha tieghu ighid illi ghalkemm l-parti leza sofra ksur fl-ghadma ta' imniehru tant illi illum ghandu a *deviated nasal septum*, madanakollu dana il-ksur fieq u halhekk il-griehi gew ikklassifikati bhala ta' natura hafifa.[3] Illi minn dana kollu ghalhekk minhabba fil-ksur li l-parti leza sofra fl-ghadam ta' imniehru u minhabba l-lacerazzjoni fuq ghajnejh tan-naha tal-lemin, il-griehi li sofra huma ta' natura gravi a tenur ta'l-artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tii inflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-negligenza kontributorja tal-parti leza, biex b'hekk dana is-sinistru stradali sehh b'tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet. Dan madanakollu ma jistax, fil-kamp penali, iwassal sabiex l-imputata tigi mehlusa mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 225, 226(1)(b), 216(1)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputata mit-tieni akkuza, issibha hatja ta'l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha thallas multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500).

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ara xhieda ta' Mr. Anthony Grixti Soler a fol. 112 u 113.